# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TNEJN U TLETIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar, 2004 fis2.30pm ġiet trasferita għal nhar il-Ħamis 5 ta' Frar, 2004 fil-5.30pm minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv kien indispost u ma' setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Skużat : | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Assenti : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 4 | | |

## AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Kontiwazzjoni "Talba tas-Sindku".
(4) Librerija Misraħ 4 ta' Settembru.
(5) Rapport Tielet Kwart Ott - Diċ'03.
(6) Sotto Kumitati.
(7) Kontijiet pendenti - Enemalta.
(8) Rapport Attivitajiet.
(9) Ilmenti mir-residenti.
(10) Approvazzjoni ta' nfieq.
(11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

Qabel bdiet il-laqgħa, s-Sindku ressaq mozzjoni biex l-ordni ta' xogħol fuq l-Aġenda għal din il-laqgħa jinbidel minħabba urġenza (skond Ordni permanenti, sitt skeda, artiklu 43 paġ. 6 ta' l-Att tal-K. L.).

L-ordni ta' l-Aġenda Proposta.

(1) Approvazzjoni tal-Minuti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Sotto Kumitati.
(4) Ilmenti mir-residenti.

Din il-mozzjoni li kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi ġiet approvata nem. con. Kopja ta' din il-mozzjoni hija mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 32 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 31 innqraw wwaqt il-laqgħa tal-Kunsill hekk kif ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv.

32(1).1 Wara l-qari tal-Minuti, s-Sindku Joseph Casha ressaq proposta biex il-Minuti jiġu korretti kif proposti minnu. Lista tal-korrezzjonijiet li ġiet ippreżentata mis-Sindku minn qabel, hija mehmuża wkoll mal-Minuti.

32(1).2 Dawn il-korrezzjonijiet kif imressqa mis-Sindku ġew sekondati mill-Viċi Sindku Walter Ahaar u ġew approvati nem. con.

32(1).3 *Matters Arising*

- Ġnien il-Gardjola : biex isiru t-tħejjijiet ħalli ssir Bye - Law għal Ġnien il-Gardjola ħalli tkun tista' tinkera.
- Website Kunsill : din ser tiġi finalizzata fl-iqsar żmien.

## 32 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif ddwar il-laqgħat u l-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*32.(2).1 Ħaddiema IPSL (13 /01/04)*

Saret laqgħa għal dawn il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill fejn ġie diskuss kif sejrin jaħdmu dawn il-ħaddiema (Minuti mehmuża). Il-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Charmaine Gerada kienu preżenti għal din il-laqgħa flimkien mas-Sindku Joseph Casha.

*32.(2).2 The Guard & Warden Service House Ltd ( 13 / 01 / 04 )*

Saret laqgħa ma' l-Area Manager tal-Local Warden Contractor. Saret proposta ta' cameras apposta fit-toroq ta' l-Isla biex jiġi kontrollat l-abbuż u tfiiegħ ta' skart fit-toroq. Kellha ssir laqgħa oħra l-quddiem mas-Sur Demaartino.

*32.(2).3 Triq il-Ħabs l-Antik ( 15 / 01 / 04 )*

L-applikazzjoni No. 07274/03 dwar dan il-paviment - tinsab quddiem il-Case officer u jidher li l-proċess miexi.

Is-Sindku qed jagħmell pressjoni biex dan ix-xogħol ifittex jibda għax huwa qed jiġi avviċinat mir-residenti li għandhom garages f'din it-triq.

*32.(2).4 Moll fix-Xatt / Drainage, Sede ( 16 / 01 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha reġa' kien f'kuntatt mad-Dipartiment tat-Toroq dwar il-kkwistjoni ta' tiswijiet talħsarat li kien hemm fil-Moll tax-Xatt u ta' quddiem is-Sede.

Fid-19 ta' Jannar, 2004 is-Sindku Joseph Casha reġa' kellhu kuntatt mal-Perit Robert Zerafa mid-Dipartiment Tat-Toroq dwar dawn Iż-żewġ xogħlijiet feejn infurmah li kellem lill-Perit Edrick Micallef li kien diġa' spezzjona l-ħsarat fuq il-moll. Il-Perit Micallef kellhu jżomm lis-Sindku Joseph Casha nfurmat bl-andament ta' din il-problema.

L-istess ħaġa qed issir fuq il-ħsarat li hemm fid-dreneaġġ ta' quddiem is-Sede Azzjoni Kattolika ta' l-Isla.

*32(2).5 Quddiesa b'tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra ( 16/01/04)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċl Sindku Walter Ahar attendew għal Quddiesa għall-Vittmi tal-Gwerra li mietu fil-Kottonera.

*32.(2).6 Kontijiet Pendenti - Water Services Corporation, Uffiċċju Amministrattiv, 197, Triq San Ġużepp, Isla (19 /01/04)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatt ma' Ms Dorianne Farrugia dwar connection taad-Dawl u Ilma ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'197, Triq San Ġużepp, Isla. Parti mill-ħlasijiet mitluba jkoprju perjodu ta' żmien meta dan is-sit ma' kienx f'idejn il-Kunsill. IS-Sindku talab statement ta' kif ħarġu l-kontijiet matul Iż-żmien indikat.

*32.(2).7 Direttur Kunsilli Lokali ( 20 / 01 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatt mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-kwistjoni taċ-ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv.

Għalkemm ma' kienx qed jaqbel mal-verżjoni tas-Segretarju Eżekuttiv huwa jaħseb li l-aħjar soluzzjoni tkun li jintlaħaq kompromess madwar mejda.

*32.(2).8 Kontijiet pendenti - Water Services Corporation, Ġnien il-Gardjola*

Il-Water Services Corporation issospendiet id-dawl ta' Ġnien il-Gardjola minħabba li hemm kontijiet pendenti. Il-Kunsill ilu joġġezzjona għal dawn il-kontijiet li għadhom jirreferu għall-

perjodu ta' żmien meta dan il-Ġnien kien għadu mhux devolut lill-Kunsill.

Is-Sindku Joseph Casha nsista ma' l,-Enemalta biex id-dawl jerġa' jingħata lil dan il-Ġnien. Is-Sindku ġie mwiegħed li sa fillgħaxija dan isir. (21/01/04)

*32(2).9 Laqgħa mad-Direttur, Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (23/01/04)*

Saret laqgħa fil-Kunsill fejn kienu preżenti d-Direttur tal-Kunsilli Lokali u l-Assisstent Direttur, is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv biex jiddiskuti t-talba mis-Sindku taċ-ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv.

Din il-laqgħa ntemmet b'nuqqas ta' qbil bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku stqarr li huwa bi ħsiebu jirritorna ċ-ċwievet tal-Kunsill li kellu lis-Segretarju Eżekuttiv hekk kif tispiċċa l-laqgħa.

*32.(2).10 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, Dr. Karm Mifsud Bonnici ( 23/ 01 / 04)*

Fuq talba tas-Segretarju Parlamentari, s-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa miegħu dwar il-problema tal-blockage fid-drenaġġ tas-Sede u l-ħsarat tal-Moll fix-Xatt.

Is-Segretarju Parlamentari wiegħed l-għajnuna tiegħu u wiegħed li ser jagħmel rappreżentazzjoni f'isem il-Kunsill lill-Ministri Ċensu Galea u Francis Zammit Dimech ħalli jkun hemm risposta finali dwar min ser jieħu ħsieb dawn il-ħsarat.

Infatti s-Sur Ivan Bezzina kellu jidħol biex jieħu ħsieb li jinbeda x-xogħol.

*32.(2).11 Żjara mis-Sur Zhang fl-Isla*

Is-Sur Zhang, Segretarju Permanenti fl-Ambaxxata Ċiniża, żar l-Isla fejn iltaqa' mas-Sindku u mal-Viċl Sindku u mas-Sur Joe Abela. Huwa żar ukoll l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

*32.(2).12 Sur San Mikiel ( 27/ 01 / 04)*

Sar site meeting fuq is-Sur ta' San Mikiel kif ukoll St. Michael's Press. Preżenti kienu Vince Azzopardi mit-Tarzna, Perit Herman Bonnici mir-Restoration Unit u Joseph Casha s-Sindku. Ġie diskuss il-progress ta' restawr u tax-xogħol li qed isir f'dan is-Sur.

Is-Sindku stqarr li fuq il-proġett ta' St. Michael's Press li qed jipprepara l-Kunsill, jidher li t-Tarzna qed ikollha send through li tirrilaxxah.

*32.(2).13 Care & Repoir - Awtorita tad-Djar ( 27/ 01 / 04)*

Is-Sindki tal-Kottonera kellhom laqgħa maċ-chairperson ta' l-Awtorita tad-Djar fejn ġie mfisser l-għajnuna li din l-Awtorita tista' toffri lil familji fil-bżonn.

Sar qbil li jsir meeting fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill biex dan it-tagħrif jingħata lill-Kunsillieri u lill-impjegati tal-Kunsill.

*32.(2).14 Laqgħa ma' Pada Builders Ltd ( 27/ 01 / 04)*

Din saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Preżenti kien hemm il-Viċl Sindku Walter Ahar u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku Joseph Casha kien indispost. Ġew diskussi l-ħlasijiet tal-Contract Manager u kif ser isir il-ħlas lil Pada Builders Ltd. (Ara minuti mehmuża).

*32.(2).15 Dawl Uffiċċju Kunsill ( 29/ 01 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha għamel kuntatti mal-Water Services Corporation mid-dar tiegħu u kkontesta il-kont mibgħut. Jidher li meta sar it-trasferiment ta' dan is-sit ħadd ma' ħass il-bżonn li jsir qari tal-meter u jinqaleb fuq isem ta' min ingħata dan is-sit u allura kollox baqa' għaddej qisu ddan is-sit kien minn dejjem f'idejn il-Kunsill.

Is-Sindku Joseph Casha kien infurmat mill-Enemalta li fis-sit imsemmi kien sar bdil tal-meter mill-Enemalta minn single phase għal Three phase. Ma' jistgħax ikun li l-Enemalta m'għandhomx reading tal-konsum ġaladarba inbidel l-arloġġ tad-dawl.

Fuq din il-bażi kien jidher li l-Kunsill kellu raġun joġġezzjoni għat-talba ta' ħlas li mhux tiegħu. Sar qbil li jiġu esibiti żewġ statements ta' ħlas taż-żmien ta' qabel il-Kunsill ħa r-responsabbilta ta' sit 197, Triq San Ġużepp. Kif ukoll sar qbil li ssir laqgħa biex jintlaħaq ftehim dwar dawn it-talbiet.

*32.(2).16 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera ( 30/ 01 / 04)*

Għal din il-laqgħa attendiet il-Kunsillier Charmaine Gerada minħabba li s-Sindku Joseph Casha kien indispost.

*32.(2).17 Moll fix-Xatt, Isla ( 02,03/ 02 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatti mas-Sur Albert Caruana, Segretarju Permanenti tal-Ministru Francis Zammit Dimech biex jgħin ħalli jinsabu fondi biex il-ħsarat li ġarrab dan il-moll isir malajr kemm jista' jkun . Li hu ċert hu li l-Kunsill m'għandux il-fondi u l-meżżi li jirranġa l-ħsara li ġarrab dan il-moll.

Is-Sindku ngħata l-parir li jsir kuntatt mal-Perit Patrick Grixti Soler, il-persuna li tista' tgħin ħalli dan ix-xogħol isir mill-Works Division.

Wara li l-għada 3 ta' Frar, 2004 is-Sindku Joseph Casha għamel kuntatt mal-Perit Grixti Soler li huwa nkarigat mill-Marina Project fejn huwa nfurmah li diġa ħa ħsieb biex jara kif ix-xogħol isir bl-inqas spejjeż possibbli u fl-iqsar żmien possibbli minkejja li l-finanzi tad-ipartiment ma' jippermettux minħabba li ma' kienx hemm voti ta' flus għall-ħsarat bħal dik li ġarrab dan il-moll.

Fuq parir ta' dan il-Perit il-Kunsill kiteb (kopja mehmuża) lill-Awtorita Marittima Maltija għal għajnuna finanzjarja biex il-ħsarat li hemm isiru.

Billi kien sar il-ħin fin-12.30pm is-Sindku Joseph Casha aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għal data aktar tard.

**Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill**

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar, 2004 fid-9.30am.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Skużati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

Is-Sindku kompla bil-kommunikazzjoni tal-ħidma li saret mill-aġġornament tal-laqgħa ta' qabel fid-9 ta' Frar, 2004.

*32.(2).18 Awtorita tad-Djar ( 09 / 02/ 2004)*

Saret laqgħaa fil-Kunsill ma' uffiċjal mill-Awtorita tad-Djar fejn ġie mfiehem lill-Kunsilieri l-għajnuna u s-servizzi li l-Awtorita tad-Djar qed toffri taħt l-iskema l-ġdida "Care & Repair".

*32.(2).19 Il-Moll fix-Xatt (13-17 /02/ 2004)*

Wara kuntatt li s-Sindku Joseph Casha għamel mas-Segretarju Permanenti tal-Ministru Francis Zammit Dimech ġie suġġerit li jsir kuntatt mas-Sur Charlie D'Alfonso l-persuna responsabbli fid-Dipartiment ta' l-Infrastruttura u Riżorsi.

Is-Sur Charlie D'Alfonso nforma lis-Sindku li jkun aħjar li tintbagħat kopja tar-rapport tal-Perit tal-Kunsill lid-Dipartiment ta' l-Infrastruttura u Riżorsi.

Is-Sur Charles Chircop ġie mqabbad biex jieħu ħsieb il-kordinament ta' dan ir-rapport.

*32.(2).20 Laqgħa fil-Kumpless "Aċċess" (17/02/04)*

Is-Sindku attenda laqgħa għas-Sindki tal-Kottonera dwar l-iskema "Care & Repair" u kif postijiet tal-Knisja jintużaw wara li ser jgħaddi lid-Dipartiment u jiġu rranġati għas-spejjeż tal-Gvern.

Il-Kunsill ser jgħin fil-klassifikazzjoni tal-bini biex jiġI ndikat liema huma tal-Joint Office, Partikolar jew tal-Gvern.

*32.(2).21 Dockyard Terrace (17/02/04)*

Is-Sindku kellu kuntatt mal-Perit Anton Camilleri dwar it-tkomplija tar-restawr u Rekustruzzjoni ta' dan il-proġett.

Jidher li dan id-dewmien sar mill-kuntrattur għax qed jistenna l-ġebla min Sqallija. Jekk ma jitkomlhiex il-Perit Camilleri kellu jwaqqaf il-kuntratt.

*32.(2).22 Laqgħa Central Districts - Cash Office - Dipt. Ta' l-Infrastruttura (18/2/04)*

Wara diskussjoni fit-tul mad-Direttur is-Sur Nichiolas Grech sar qbil li t-talbiet tad-Dipartiment, tax-xogħol imwettaq żmien ilu fil-lokal minn dan id-Dipartiment, jinżel minn Lm 8,000 għal Lm 3, 600 b'effett minn April'04 'il quddiem. Il-Kunsill qabel ma' dan l-arranġament.

*32.(2).23 Seminar - Delta (19/02/04)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda seminar dwar il-Kottonera fl-Universita l-Qadima fil-Belt Valletta. Aktar tard għandu joħroġ rapport tax-xogħol li sar f'dan is-seminar.

*32.(2).24 Il-Moll fix-Xatt (20/02/04)*

Minn kuntatti li s-Sindku Joe Casha għamel mal-Perit Grixti Soler jidher li x-xogħol fuq il-moll Se jiġi mwettaq mill-Ministeru ta' l-Infrastruttura u Riżorsi wara li ssir laqgħa mal-Kunsill u jinsabu l-finanzi meħtieġa.

*32.(2).25 Lejla Letterarja (21/02/04)*

Il-Viċl Sindku Walter Ahar attenda għall-Jum Internazzjonali ta' Lsien Pajjiżi fejn ħadu sehem erba' studenti mill-Isla. Il-Kunsill wiegħed ktieb kull wieħed lil dawn l-istudenti.

*32.(2).26 Laqgħa ma' l-Arċipriet (22/02/04)*

Is-Sindku Joe Casha attenda għal din il-laqgħa li ssejjħet mill-Arċipriet fejn kienu mistiedna s-Soċjetajiet kollha tal-lokal.

L-Arċipriet għarraf lil dawk preżenti dwar dak li ħareġ mis-sinodu u kif dan jista' jgħin fil-ħidma magħquda tas-soċjetajiet fl-Isla.

Waqt din il-laqgħa s-Sindku fisser ir-rwol tal-Kunsill f'din l-inizjattiva u dejjem fir-regoli u l-parametri tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

*32.(2).27 Mappa tal-Kottonera*

Il-Kunsill approva suġġeriment li sar mis-Sindki tal-Kottonera biex issir mappa tat-tlett ibliet inkluż il-Kalkara u li din tkun f'kull lokalita'.

*32.(2).28 Proġett ta' Taħriġ għal Mexxejja taż-Żgħażagħ*

Il-Kunsill stħarreġ il-proposta tas-Sindku Joe Casha ħalli l-Kunsill iġib fondi mill-Unjoni Ewropeja biex jorganiżża proġett f'Malta għal taħriġ għal Mexxejja taż-Żgħażagħ mill-pajjiżi membri jew li ser ikunu membri dalwaqt.

Il-Kunsill approva din il-proposta u awtorizza lis-Sindku biex iqabbdu l-Vanessa Sammut ħalli barra li ġġib it-tagħrif meħtieġ taħdem fuq dan il-proġett. Dan minħabba li Vanessa għandha kuntatti u l-esperjenza fi proġetti bħal dawn.

*32.(2).29* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-1 ta' Jannar u l-24 ta' Frar 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0011/04/I Ombudsman - Każ D0562*

L-Ombudsman talab li dan il-każ jerġa jitressaq quddiem il-Kunsill sabiex jiġi diskuss fid-dawl tas-sentenza riċenti mill-Qorti tal-Maġistrati.

Il-Kunsill approva t-talba tar-resident inkwestjoni.

*04/0015/04/I "Malta Historic Cities Festival 2004"*

L-Awtorita tat-Turiżmu ddeċidiet li minn din is-sena tibda torganiżża Festival annwali wieħed fuq skala akbar fejn tinkorpora xi wħud mill-Bliet l-aktar storiċi f'Malta u f'Għawdex bħal Valletta, Birgu, Bormla, Isla, Mdina u Victoria f'Għawdex.

Il-Kunsill ta' l-Isla aċċetta li jipparteċipa fl-organiżazzjoni tal-Festival.

*04/0028/04/I Environmental Landscapes Consortium Ltd*

Il-Kunsill ser jinforma lil din il-kumpanija li għalkemm l-offerta tagħhom kienet ftit inqas mill-oħrajn il-kumpanija li ntagħżlet offriet l-upgrading ta' Triq 31 ta' Marzu.

*04/0040/04/I - 04/0041/04/I - 04/0045/04/I Rapport dwar ħsarat (Moll / Drainage)*

Il-Perit tal-Kunsill ħejja rapport tal-ħsarat u x-xogħol meħtieġ kemm tal-Moll fix-Xatt u kemm fid-drenaġġ ta' quddiem is-Sede fi Triq il-Vitorja.

*04/0042/04/I* *Laqgħa maż-Żgħażagħ*

Is-Sindku Joe Casha ltaqa' ma' grupp ta' żgħażagħ mil-lokal fuq talba tagħhom dwar kif jistgħu jorganiżżaw ruħhom aħjar.

*04/0056/04/I* *Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsill li ser isiru laqgħat mas-Supretendenti ta' l-Għases f'kull distrett.

*04/0060/04/I* *VAT imħallsa direttament*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed titlob lill-Kunsill sabiex isir ftehim mal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart domestiku biex il-VAT dovuta tinżamm mill-Kunsill u tintbagħat direttament lid-Dipartiment tal-VAT.

*04/0063/04/I* *Talba għal Linji Sofor*

Il-Kunsill approva din it-talba biex isiru linji sofor quddiem il-garage.

*04/0070/04/I* *Talba għal Reserved Parking*

Traffic Management Board laqa' t-talba għal reserved parking ta' resident fl-Isla.

*04/0079/04/I* *Ġemellaġġ ma' Majorca*

Il-Kunsill irċieva talba għal ġemellaġġ ma' din il-Belt. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinformahom li nixtiequ li jkollna relazzjonijiet bejn iż-żewġt ibliet imma l-Kunsill ma' jiflaħx għal spejjeż ta' vjaġġar.

*04/0120/04/I* *Website subsidies*

*04/0129/04/I* *Bdil ta' Żgħażagħ f'Viċenza*

Permezz ta' kuntatt li għamlet Vanessa Sammut waqt żjara tagħha f'Viċenza l-Kunsill ġie mistieden biex jieħu parti f'dan il-proġett mal-Comune di Vicenza. Il-Kunsill approva din l-istediena u bed l-proċess biex dan il-Kunsill jipparteċipa.

*04/0208/04/I* *Linji sofor quddiem garage*

*04/0225/04/I* *Reserved Parking għar-residenti fi Triq l-Arċisqof Mattei*

Residenti f'din it-triq talbu biex il-parking f'din it-triq ikun riservat għar-residenti biss. Il-Kunsill qabel li jirreferi t-talba tagħhom lill-Bord għal Kontroll tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita

Dwar it-Trasport u jaġixxi fuq il-parir li jingħata.

*04/0245/04/I* *Użu ta' Ġnien il-Gardjola*

Il-Kunsill ma' laqgħax it-talba ta' Ġovanni Zammit għall-użu ta' Ġnien il-Gardjola.

*04/0252/04/I* *Talba biex jittellgħa Yacht fuq l-art*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sur Mario Cristina biex jittellgħa Yacht żgħir tiegħu fuq l-art għal żmien qasir għal tiswijiet.

*04/0283/04/I / 04/0299/04/I* *Konferenza - Identity & Difference - The Cultural Diversification as European Identification"*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għal din il-konferenza f'Aquila, Italja mill-Comune di Goriano Sicoli. L-ispejjeż huma kollha mħallsa mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-istedina għal din il-konferenza fejn għandhom imorru s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u tlett Kunsilliera.

*04/0289/04/I* *Dar Sant'Anna*

Is-Sindku Joe Casha laqa' t-talba tal-Home Manager biex jiltaqa' miegħu dwar ħtiġijiet li hemm bżonn f'din id-dar.

*04/0291/04/I* *Ħaddiema IPSL*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ħaddiem ta' l-IPSL li kien assenjat mal-Kunsill ġie trasferit f'Kunsill ieħor b'effett mid-29 ta' Jannar, 2004.

*04/0317/04/I* *Comune di Cassino*

Il-Kunsill laqa' l-istedina ta' dan il-Comune biex is-Sindku Joe Casha jattendi għall-egħluq ta' 60 sena mill-Anniversarju ta' meta din il-Belt kienet meqruda u l-għotja tad-deheb għall-qlubija li wrew. Is-Segretarju Eżekuttiv kellu jakkumpanja lis-Sindku.

*04/0344/04/I* *Ladies Circle (04/03/04)*

Il-Kunsill approva t-talba tal-Ladies Circle ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez biex jorganiżżaw Coffee Morning fis-Sala tal-Kunsill.

*04/0401/04/I* *Senglea Athletics FC*

Il-Kunsill approva t-talba ta' dan il-Klabb biex jitneħħa l-ħaxix selvaġġ li kiber sew fil-grawnd Corradino C.

*04/0419/04/I* *Talba minn resident fi Triq San Ġużepp*

Il-Kunsill qed jikkunsidra dawn it-talbiet għal tibdil fil-bankina għal raġunijiet soċjali.

*04/0439/04/I* *Servizz ta' l-Ilma fi Triq San Ġużepp*

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma approvat żieda ta' tqegħid ta' servizzi ta' l-ilma fi Triq San Ġużepp għal total ta' 520 metru u 97 servizzi.

## 32 (3) Kontinwazzjoni "Talba mis-Sindku"

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li intlaħaq ftehim bejnu u bejn is-Segretarju Eżekuttiv ta' kif għandu jitmexxa l-uffiċċju amministrattiv biex jingħataw servizzi li jkunu jistgħu jakkomadaw il-ħtiġijiet u d-dmirijiet tas-Sindku. L-uffiċċju ser ikun miftuħ sas-6.30 ta' filgħaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

*32(3).1* Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ġie mgħarraf li d-differenzi li setgħa kien hemm ġew riżolti u issa l-ħidma fil-Kunsill reġgħet ġiet għan-normal.

## 32 (4) Librerija Pubblika f'Misraħ 4 ta' Settembru

Il-Kunsill għadhu qed jistenna l-approvazzjoni għall-applikazzjoni li l-Kunsill għamel ma' l-Awtorita ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar it-tibdil tal-kanċell tal-ħadid fuq barra.

*32.(4).1* Il-ħsieb tal-Kunsill huwa li din il-librerija tiġi nawgurata bejn l-aħħaar t'April u l-bidu ta' Mejju, 2004.

*32.(4).2* Il-Kunsill laqa' l-proposta tal-Ladies Circle ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez li offrew li jħietu l-purtieri li hemm bżonn għal din il-Librerija. Il-materjal jinxtara mill-Kunsill.

## 32 (5) Rapport Finanzjarju - Tielet Kwart (Ott-Diċ'03)

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-Sena Finanzjarja (Ott-Diċ'03).

*32.(5).1* Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi dawn ir-rapporti ġew approvati nem. con.

## 32 (6) Kumitati tal-Kunsill

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa l-ħsieb tiegħu li jxolji s-Sotto Kumitati tal-Kunsill u jaħtar Kumitati minn flok għal aktar effiċjenza u aktar legalita' tal-ħidma.

*32.(6).1* Sa laqgħa oħra s-Sindku ser jipproponi l-Kumitati tal-Kunsill.
Kunsillieri li xtaqu jservu fuq xi Kumitat partikolari għandhom jinfurmaw lis-Sindku.

## 32 (7) Kontijiet Pendenti - Enemalta

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed issir pressjoni u diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar ħlasijiet għolja tad-dawl u l-ilma li qed jintalbbu għal Ġnien il-Gardjola u l-post tal-Kunsill f'197 fi Triq San Ġużepp.

*32.(7).1* Il-Kunsill għandu dokumenti u tagħrif meħtieġ biex juri li l-kontijiet li qed jiġi mitlub lħallas jirreferu għal meta dawn il-postijiet kienu f'idejn ħadd ieħor.

Għandhom isiru aktar laqgħat dwar dan.

## 32 (8) Rapport ta' l-Attivitajiet

Dan ser jitressaq aktar tard hekk kif jgħalqu l-attivitajiet pendenti biex ikun hemm approvazzjoni finali.

## 32 (9) Ilmenti mir-Residenti

Il-Kunsill stħarreġ dawn l-ilmenti u suġġerimenti mressqa minn residenti fl-Isla.

Ilment 12/A Tneħħija ta' tappiera fi Triq it-Tarzna.
Il-Kunsill ser jagħlaq din it-tappiera.

Ilment 13/A Parking spaces faċċata ta' l-Għar.
Il-Kunsill ma' laqax din it-talba.

Ilment 14/A Talba għal-linji sofor quddiem garage fi Triq San Lawrenz.
Fil-fehma tal-Kunsill ma' jidhirx li hemm il-ħtieġa li dan isir. Iżda ser ssir spezzjoni fuq il-post qabel tiġi kkonfermata din id-deċiżjoni.

Ilment 15/A Il-Kunsill laqa' t-talba ta' residenta fl-Isla biex titneħħa qasrija minn quddiem il-bieb tagħha minħabba li qed isservi ta' post fejn lħammġu l-qtates.

Ilment 18/A Il-Kunsill ma' jistgħax jilqa' t-talba ta' din ir-residenta biex ma' jħallux karrozzi jipparkjaw quddiemha għaliex dawn qed jipparkjaw taħt il-bankina u għaldaqstant ma' jistgħax isir ħadid taħt il-bankina.

Ilment 19/A Il-Kunsill laqa' t-talba ta' dan ir-resident biex tiġI ffriskata "reserved parking". Dan ser isir hekk kif il-Kunsill jixtri ż-żebgħa safra.

## 32 (11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 7, 862.44.(Kopja tal-lista ta' pagamenti mehmuża).

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-1.10pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |